**18 ta' Frar, 1985**

**Imħallef:**

**Onor. Joseph A. Filetti, B.A., LL.D.**

Joseph Ellul Sullivan *noe*

*versus*

Kontrollur tad-Dwana

## Ordinanza tad-Dwana - Temporary Importation Licence

*Ir-rikorrent ikkontesta l-konfiska ta' karozza da parti tal-Kontrollur tad-Dwana li kien qed jikkontendi li l-karozza baqgħat f'Malta wara data prefissa lill-persuna ta' nazzjonalità Ingliża lill-Kontrollur stess.*

*Il-Qorti, wara li semgħet il-provi, qatgħatha li dak li ġara kien dovut għal malintiż bejn taqsimiet tad-Dipartiment tad-Dwana.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Joseph Ellul Sullivan u Andrew Ellul Sullivan fil-kwalitajiet indikati li bih premess illi dan ir-rikors qed isir *ai termini* ta' l-Artikolu 69 ta' l-Odinanza tad-Dwana biex tiġi kkontestata l-konfiska da parti ta' l-intimat tal-karozza Fiat Ritmo b'numru ta' registrazzjoni Z-1696 M (*engine nummber 3831658, chassis number 02433932);*

U peress lilli l-karozza in kwistjoni ġiet importata f'Malta minn U.C.I.M. Ltd. (agenti lokali tas-soċjetà FIAT) fit-3 ta' Marzu, 1981 u mibjugħa lil Gerald Shepherd għan-nom ta' *Tessons Limited* f'Ġunju,1982. Saret id-debita registrazzjoni hawn Malta ma' l-Awtoritajiet tant li l-Kummissarju tal-Pulizija ħareġ numru ta' registrazzjoni lokali (numru Z-1696 M). Din il-karozza kellha tiġi użata mill-imsemmi Shepherd għall-kumpanija lokali fuq xogħol fl-esteru. Meta l-imsemmi Shepherd ma baqax aktar mas-socjetà *Tessons Overseas Limited,* wiehed mid-diretturi kellu jmur l-Ingilterra ħalli jerga' jġib lura din il-karozza. Fil-fatt din reġgħet iddaħħlet Malta f'Lulju, 1982 abbord il-*Malta Express* minn Joseph Ellul Sullivan u l-Avukat sottoskritt. Sussegwentement għal din id-daħla f'Malta saret

applikazzjoni lill-Ministeru tal-Kummerċ ħalli tinħareġ liċenza ta' importazzjoni għall-karozza msemmija u din ġiet miksuba fis-16 ta' Settembru, 1982 u ġġib in-numru 001819. Saru diversi tentattivi ħalli jitħallas id-dazju rikjest mil-liġi iżda l-awtoritajiet ma ridux jaċċettawh mingħar ma kellhom raġuni valida. Sussegwentement Andrew Ellul Sullivan ġie ordnat jikkonsenja l-karozza in kwistjoni lill-Kontrollur tad-Dwana, haġa li għamel u b'riżultat ta' dan inħarget in-nota ta' qbid allegata;

U peress illi mill-fuq espost jidher biċ-ċar li r-raġuni mogħtija ma tapplikax billi l-karozza hija waħda rregistrata f'Malta u ma taqax taħt it- '*temporary importation*' tat-turist;

U peress illi kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors l-esponenti kellhom id-dritt kollu li jżommu din il-karozza hawn Malta u ma kienx nuqqas da parti tagħhom li ma tħallasx id-dażju dovut. Il-fatti kif esposti juru biċ-ċar li l-azzjoni meħuda mill-intimat ma ttiħditx skond il-liġi;

*Omissis*;

Talbu l-esponenti għar-raġunijiet indikati li din il-Qorti jogħġobha għat-termini ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 60) u in partikolari ta' l-Artikolu 69 u artikoli oħra okkorrendo, tordna r-rilaxx u l-ħelsien a favur ta' l-esponenti l-karozza hawn fuq imsemmija numru Z-1696 M maqbuda in forża tan-nota hawn fuq imsemmija u miżmuma mill-intimat jew li tagħti kwalunkwe provvediment ieħor li l-istess Qorti jidhrilha opportun;

Bl-ispejjez kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali hawn fuq imsemmija;

Rat ir-risposta ta' l-Agent Kontrollur tad-Dwana fejn wara li espona bir-rispett illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda billi l-karozza in kwistjoni nstabet f'Malta bi ksur tal-liġijiet tad-Dwana;

Illi fit-22 ta' Jannar, 1982 ċertu Gerald Shepherd, ta' nazzjonalità Ingliża kien ġie mogħti l-permess mill-intimat biex jixtru mill-'*bond*' ta' aġent lokali tal-karozzi, il-karozza FIAT RITMO (*Chassis No.* 02433932, *engine no.* 3831658) bla ħlas ta' dazju bil-kondizzjoni li l-istess Shepherd ma jħallix din il-karozza f'Malta wara t-22 ta' April, 1982 (Dok. A u B);

Illi Gerald Shepherd fil-fatt irreġistra mal-Kummissarju tal-Pulizija din il-karozza li ġiet mogħtija n-number plate Z-1696 (M). Il-kelma 'Z' tingħata lill-karozzi li jkunu qed jitħallew jintuzaw f'Malta bla ħlas ta' dażju bħal fil-każ ta' Shepherd;

Illi bosta xhur wara, u preċizament f'Marzu 1983 instab li din il-karozza kienet għadha Malta u qed tiġi użata minn persuni oħra, bla ebda permess ta' l-intimat. Minn investigazzjonijiet li saru l-intimat irrizultalu li Shepherd kien telaq minn Malta bil-karozza fil-27 ta' Jannar 1982. Fis-16 ta' Lulju, 1982 l-istess karozza ddaħlet f'Malta fuq il-vapur '*Malta Express*' skond kif jidher mill-manifest ta' l-istess vapur (Dok. C), bl-istess targa li kellha oriġinarjament u cioè Z 1696;

Illi fil-15 ta' Settembru, 1982, waqt li din il-karozza kienet f'Malta qed tintuza minn persuni oħra flok Shepherd bi ksur tal-liġi tad-Dwana, ċertu W. Bonnici għamel applikazzjoni lid-Dipartiment tal-Kummerċ biex jimporta f'Malta din l-istess karozza (Dok. D);

Illi xhur wara li kien inħareġ dak il-permess mid-

Dipartiment tal-Kummerċ tfaċċa f'Marzu ta' l-1983 Andrew Sullivan bil-liċenza maħruġa f'isem W. Bonnici, u mar għand l-uffiċjal tad-Dwana John Grima, u qallu li ġie jħallas id-dazju fuq dik il-karozza. John Grima fittex il-file konċernat ta' dik il-karozza fejn irrizultalu li dik il-karozza kienet ħarġet minn Malta fil-27 ta' Jannar, 1982 (Dok. E). Minn hemm 'il quddiem bdew l-investigazzjonijiet li wasslu għall-eventwali *Seizure Note;*

*Omissis;*

Rat id-dokumenti esibiti;

Semgħet lix-xhieda prodotti;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li mill-provi mismugħa ma hemmx dubbju li l-fatti kif esposti mir-rikorrent huma fondati u li ġara kien dovut għal malintiz bejn taqsimiet tad-Dipartiment tad-Dwana. Is-Sur Richard Ellul, inspector id-Dwana fil-*Customs and Excise Branch* xehed (ara deposizzjoni tiegħu mogħtija fl-10 ta' Diċembru, 1984) li biex tnizzlet il-karozza *de quo* minn fuq il-vapur xi forma ta' xi dokument min nizzilha bilfors kellu u għaddiha lill-fizzjal. Dwar kif ġraw il-fatti xehdu mhux biss ir-rikorrenti u n-nies tad-Dwana imma wkoll l-Avukat Dottor Renato Cefai li spjega l-fatti. Fil-fehma tal-Qorti it-talba tar-ikorrenti tirrizulta mill-provi;

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent u tipprefiġġi terminu ta' ġimagħtejn għar-rilaxx tal-karozza numru Z-1696 favur ir-rikorrenti *nomine.* Dwar il-kap ta' l-ispejjez, *in vista* taċ-ċirkostanzi tal-każ, dawn għandhom jinqasmu u jiġu

ssopportati bin-nofs bejn il-partijiet (50 : 50), tranne d-dritt tar-Reġistru li jkun a karigu ta' l-intimat biss.